# L-Assunta fil-Bażilika tal-Isla

Gino Parnis
Sacrosancta Basilica Senglea

Fil-Festa tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija, il-Knisja tiċċelebra u tqaddes il-jum tal-15 t'Awwissu bl-akbar Sollenità Liturġika. Kemm fl-Oċċident u kemm fl-Orjent, din il-Festa, timmarka waħda mill-akbar ġrajjiet fil-ħajja tal-Madonna, aktar u aktar imsaħħa meta din il-ġrajja importanti ġiet iddikjarata Domma tal-Fidi għall-Umanità kollha mill-Papa Piju XII fis-sena 1950. Ġol-Gżejjer Maltin ukoll, il-Festa għażiża ta' Santa Marija minn dejjem kellha għeruq fondi u bażi soda ta' fidi u devozzjoni, biex l-Assunta tkun meqjuma u vvenerata bl-akbar qima. F'kull knisja jew kappella ssib l-immaġini ta' din il-ġrajja mistika tal-Assunzjoni. Ħafna Parroċċi għażluwha bħala Titular ukoll. Għalhekk Santa Marija bla dubju ta' xejn hi l-Patruna speċjali tal-Gżejjer Maltin.

Fil-Parroċċa l-antika tal-Isla, lil Santa Marija ssiba żgur. Il-Belt tal-Isla, minna nnifisa diġà Parroċċa b'kult u devozzjoni Marjana antiki ħafna, fil-Bażilika, iddedikata lit-Twelid tal-Verġni Marija. Il-ġrajja tal-Assunzjoni tal-Madonna ssiba formatizzata f'diversi opri t'arti ta' valur artistiku konsiderevoli. Is-Sagrestija tal-Bażilika tal-Isla fost il-ħafna kwadri li wieħed isib, hemm kwadru li jgħamel parti minn sett ta' 4 kwadri ndaqs, li qabel kienu jgħamlu parti mill-Oratorju tal-Purifikazzjoni tal-Madonna, aktar mgħaruf bħala tal-Gandlora, dan il-kwadru, li juri t-tlugħ tal-Madonna fis-sema, hu mpitter minn Rocco Buhagiar (1725-1805). Pittura oħra li turi l-Assunzjoni tal-Madonna tinsab f'waħda mill-lunetti tal-koppla tal-Bażilika, impittra minn Frank Portelli fis-sena 1993. Din il-pittura turi l-inkurunazzjoni tal-Madonna bħala Sultana tas-Sema u tal-Art. Wieħed mill-artal laterali tal-knisja li jinsab fil-Kappellun tad-Duluri u hu ddedikat lil Santa Marija. Dan l-altar, oriġinarjament kien iddedikat lil San Carlo Borromeo fis-sena 1619 u fis-sena ta' wara twaqqfet anke Fratellanza f'ġieħ dan il-Qaddis. Imbagħad, b'konsegwenza tal-flaġell tal-pesta qalila tas-sena 1676 fuq dan l-artal nibtet ukoll id-devozzjoni lejn Omm il-Madonna, Sant'Anna. Hekk tista' tgħid għadu mgħaruf sal-ġurnata tal-lum. Iżda l-Isqof Coco Palmieri waqt viżta pastorali li kien qed jagħmel fil-Parroċċa Sengleana fis-sena 1694; ordna li dan l-altar jinbidillu t-Titular u jiġi ddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna.



L-Assunta skont Rocco Buhagiar



*Il-pittura tal-Assunta b'Sant'Anna u San Carlo Borromeo, xogħol Stefano Erardi.*

Din l-istorja mħawwra u interessanti dwar dan l-altar hija tista' tgħid riflessa b'mod ċar ħafna fuq il-pittura tal-kwadru ta' dan l-artal. Impitter mill-artist prim Stefano Erardi (1630-1716), il-kwadru

juri pittura klassika ħafna u b'teknika trijangolari għandek il-Madonna qed tiġi mtella' s-sema mill-anġli, u fil-parti t'isfel hemm il-figuri ta' Sant'Anna u San Carlo Borromeo, żewġt Qaddisin marbuta wkoll ma' dan l-artal.

Dan l-artal, bħall-altari kollha l-oħra tal-Bażilika għandu armar sabiħ u rikk ferm, li jintramaw fil-Festa ta' Santa Marija, u anke fil-Festa Titulari tal-Isla, il-Festa ta' Marija Bambina. Jispikka fosthom il-ventartal tal-fidda li sar fl-aħħar snin tas-Seklu Dsatax fuq disinn tas-Senglean, Mastru Mikiel Degiovanni. B'hekk tajna daqqa t'għajn ħafifa lejn dawn l-opri tal-arti li jinsabu fil-Parroċċa tal-Isla u li huma konnessi direttament mal-Festa tal-Assunta. Opri tal-arti verament artistiċi u tassew jissimbolizzaw b'mod ċar ħafna it-tifkira glorjuża u kbira tal-ġrajja tal-Assunzjoni tal-Madonna.

Kif jgħid wieħed mill-innijiet sbieħ lil Santa Marija li nisimgħu fil-ġranet ta' din il-Festa kbira:



*Il-Ventartal tal-Fidda tal-Assunta ġewwa l-Bażilika tal-Isla*

**Omm Alla u Omm tagħna Rebbieħa u Sultana, issokta ieqaf magħna kif dejjem għamilt Omm Xebba, li id-dnub qatt ma tebba', li kont qabel ftuħ il-Ħolqien, li tlugħek bil-Ġisem ma' Ruħek, fis-Sema sar għaġeb kull żmien.** Awguri għall-Festa Sabiħa u Qaddisa f'Ġieħ Santa Marija, Patruna Titulari ta' Ħal Għaxaq.

CARMEL'S GARAGE
Auto Electrical Repairs
• Batteries Sales
• 2 Year Guarantee
• Oldham Lucas
ACCUMULATORI
VIPIEMME
10, Triq il-Bizzilla, Għaxaq.
Tel: 2180 5211